

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(g) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ġunju 2016 – De Masi vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-341/16)**

(2016/C 287/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrent:* Fabio De Masi (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: A. Fischer-Lescano)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-aċċess limitat għad-dokumenti tal-grupp “kodiċi ta' kondotta”;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-istanza konformement mal-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u tikkundannaha għall-ispejjeż ta' eventwali intervenjenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv uniku, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tal-membri parlamentari li jirriżultaw mill-Artikolu 230(2) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 10(2) TUE, ikkunsidrati fid-dawl tal-obbligi li tingħata informazzjoni.
